2024/569

14.2.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/569

tas-7 ta' Frar 2024

li japprova emenda mhux minuri fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' isem imniżżel fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Cecina de León" (IĠP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat it-talba ta' Spanja għal emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Cecina de León", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 ([2]) kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1184/2012 ([3]).

(2) Billi l-emenda kkonċernata mhix minuri skont it-tifsira tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni biex issir l-emenda, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]), kif stipulat fl-Artikolu 50(2)(a) ta' dak ir-Regolament.

(3) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li l-modifika tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tiġi approvata,

A. ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda għall-ispeċifikazzjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fir-rigward tad-denominazzjoni "Cecina de León (IĠP) hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 tat-12 ta' Ġunju 1996 dwar ir-reġistrazzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi u Denominazzjonijiet ta' Oriġini taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 (ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1).
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1184/2012 tas-7 ta' Diċembru 2012 li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Cecina de León (IĠP)] (ĠU L 338, 12.12.2012, p. 16).
([4]) ĠU C 322, 12.9.2023, p. 3.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2024.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni